# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-23 ta' Frar, 2017.**

**Rikors Numru 1103/2007 SM**

**Myriam Fenech Adami u skont digriet datat 27 ta' Frar, 2012, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Raphael Fenech Adami, Maria Victoria Tua u Joseph Fenech Adami stante l-mewt ta' Myriam Fenech Adami**

**vs.**

**Anna Gatt, xebba, Marie Louise mart Anthony Cutajar, John Gatt, u Rita mart Joseph Camilleri; Jimmy sive John Mary Gatt u Gemma mart Paul Zammit; Maria mart Michael Muscat, Charles Gatt, Pauline mart Joseph Bonello, u Lawrence Gatt; Carmelina Gatt, xebba, Teresa mart Joseph Sant, Milvia mart Mario Mallia, Carmen mart**

**Joseph Galea, u Michael Gatt; Francis Gatt; Grace Zammit; Joseph Gatt, Philip Gatt, Carmela Fenech, Angelo Gatt, Carmelo Gatt, u Bartolomeo Gatt; Anthony Gatt, Bartolomeo sive Albert Gatt, Frances Vassallo, Maria Assunta Tombion, (tliet kelmiet mizjuda b'digriet tal-Qorti tat-12 ta' Mejju 2009), Mario Mintoff, Victor Mintoff, u Maria Concetta Rogers; Natalina Grima, Philomena Grima, Tarcisio Grima, Nazzareno Grima, Doris Micallef u Teresa Zammit; l-Avukat Dottor Ena Cremona; it-Tabib Joseph Xuereb, Antoine Xuereb, l-Avukat Dottor Simon Galea Testaferrata, Camilla Scerri, Maria Zammit, u James Galea Testaferrata; u b'digriet tat-2 ta' Frar, 2009, l-Avukat Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno gew nominati bhala Kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Maria Azzopardi u Paolina Cini; John Mary Gatt; Emanuel Gatt, Paul Gatt, u John Mary Gatt; Agnes sive Inez Savona, Angelo Bonnici, Carmen Falzon, u Bartolomeo Bezzina, Ikoll imsiefrin u b'digriet tat-22 ta' Marzu, 2011, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Lara Sammut (ID Numru 212177 M) sabiex tkompli l-kawza minflok Carmen Galea li mietet fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-22 t'Ottubru, 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi l-Markiz Nicola Mallia Tabone kien il-possessur tat-titolu fewdali tal-Markezat u Fewdu maghruf bhala l-Fiddien;

1.2. Illi meta l-imsemmi Markiz Nicola miet fiz-19 ta' Marzu, 1973, (ara foll 11), it-titolu tal-istess kien trasmess ghand il-Markiz Salvatore Caruana Dingli *ai termini* tal-Att XXX ta' l-1969 u tal-Att XII tal-1950;

1.3. Illi l-imsemmi Markiz Caruana Dingli kien ukoll rikonoxxut fit-titolu *de quo* mill-Kumitat tal-Privileggi nobbiljari ta' Malta fl-ittra tal-istess Kumitat datata l-25 ta' Gunju, 1975, (ara foll 12);

1.4. Illi skont l-Att XXX tal-1969 il-fewdi saru proprjeta` libera u gew applikati ghalihom id-dispozizzjonijiet tal-Att XII tal-1950 rigward il-fedekommessi;

1.5. Illi permezz tal-imsemmija ligi tal-1950 gew revokati:

1.5.1. Il-fedelpmmessi dividwi;

1.5.2. Il-fedekommessi individwi senjatament:

1.5.2.i. Kemm dawk ta' primogenitura;

1.5.2.ii. Kif ukoll dawk maggioraski;

1.6. Illi l-possessur attwali tal-istess gie moghti l-proprjeta` assoluta ta' nofs biss u l-uzufrutt tan-nofs l-iehor;

1.7. Illi n-nuda proprjeta` tal-istess marret ghand l-immedjat vokat;

1.8. Illi l-imsemmi Markiz Nicola Mallia Tabone kien halla bhala eredi testamentarja tieghu lil ohtu n-Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone;

1.9. Illi l-imsemmija Maria Grazia Mallia Tabone b'testment *in atti* tan-Nutar Dottor Angelo Vella datat iz-17 ta' Jannar, 1980, halliet bhala eredi taghha fi kwoti ndaqs u indivizament *per capita*, lill-primi kugini paterni u materni taghha – ad eskluzjoni tal-prima kugina taghha Maria Assunta Grima – u lil Joseph, Antoine u Rosa mart Mario Galea Testaferrata, ulied il-mejjet Avukat Dottor Salvatore Xuereb, u lid-Dottoressa Ena Cremona, armla tat-Tabib Dottor Cremona, u lil Doris, Teresa, Natalina, Nazzareno, Alessio u Filomena ulied l-imsemmija Maria Assunta Grima, bis-sostituzzjoni tal-ulied u bid-dritt tal-akkrexximanet bejniethom, (ara foll 13 *et sequitur*) specifikament foll 16);

1.10. Illi l-imsemmija Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone – identifikata fic-certifkiat tal-mewt bhala Graziella *know as* Grace Mallia Tabone, - mietet fid-29 ta' Mejju, 1983, (ara foll 18);

1.11. Illi l-Markiz Salvatore Caruana Dingli – identifikat fic-certifikat tal-mewt bhala Saviour Caruana Gingli – miet fiz-17 t'April, 1983, (ara foll 19);

1.12. Illi r-rikorrenti ssosstni li hi l-eredi testamentarja tal-precitat Markiz Salvatore Caruana Dingli, (ara foll 3);

1.13. Illi r-rikorrenti u l-eredi tal-imsemmija Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone huma komproprjetarji kif gej:

1.13.1. Nofs l-eredita` hi spettanti lir-rikorrenti;

1.13.2. In-nofs l-iehor hu spettanti lill-eredi l-ohra fuq indikati;

1.14. Illi r-rikorrenti ma tridx tibqa' komproprjetarja mall-imsemmija eredi;

1.15. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.15.1. Tiddikjara li l-proprjeta` spettanti lit-titolu fewdali tal-Markezat u Fewdu tal-Fiddien tappartjeni kif gej:

1.15.1.i. Ghan-nofs indiviz taghha lir-rikorrenti;

1.15.1.ii. Ghan-nofs indiviz l-iehor lill-eredi tan-Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone;

1.15.2. Tiddikjara li minn fost l-intimati li huma dixxendenti tal-imsemmija Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone li mietu qabilha, dawn ma jkunux meqjusa bhala eredi tal-istess Mallia Tabone;

1.15.3. Tillikwida l-assi appartenenti t-titolu tal-Markezat u Fewdu tal-Fiddien in dizamina;

1.15.4. Taqsam l-istess assi f'porzjonijiet u tassejnhom lil min mill-partijiet jispetta skont il-ligi;

1.15.5. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-immobbli li ma jirrizultawx komodament divizibbli jekk mehtieg;

1.15.6. Tahtar nutar biex jippubblika l-atti;

1.15.7. Tahtar kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-imsemmi att;

1.15.8. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat iz-17 ta' Frar, 2009, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh hemm indikata, (ara foll 71);

3.0. Rat is-seba' (7) risposti guramentati tal-intimati li bil-ghan tigi razjonalizzata l-unita` tal-istess, qed jigi hawn redatt elenku kronologiku taghhom, u ghall-ekonomija tal-gudizzju, r-risposti qed jigu inkluzi biss kemm- il darba ma jirrizultawx ripetittivi:

3.1. Illi r-risposti guramentati rispettivi huma s-segwenti:

3.1.1. Dik datata d-9 ta' Marzu, 2009, (ara foll 73);

3.1.2. Dik datata l-10 ta' Marzu, 2009, (ara foll 76);

3.1.3. Dik datata l-11 ta' Marzu, 2009, (ara foll 79A);

3.1.4. Dik datata t-13 ta' Marzu, 2009, (ara foll 100);

3.1.5. Dik ukoll datata t-13 ta' Marzu, 2009, (ara foll 104);

3.1.6. Dik datata z-17 ta' Marzu, 2009, (ara foll 106);

3.1.7. Dik datata l-21 ta' Frar, 2012, (ara foll 195);

3.2. Illi r-risposti fuq riferiti jistghu sintetikament jigu komplessivament elenkati bil-mod segwenti:

3.2.1. Illi l-intimati a foll 73 u foll 195 jaqblu li ghandha ssehh id-divizjoni in dizamina;

3.2.2. Illi tali divizjoni ghadha ssir wara li jigu stabbiliti l-kwoti rispettivi tal-kontendenti involuti, (ara foll 73 u foll 195);

3.2.3. Illi r-rikorrenti ghandha tipprova t-titolu minnha vantat, (ara foll 73, 79A, 104 u 195);

3.2.4. Illi l-intimati a foll 73 u foll 195 jaqblu mat-tielet (3) sas-sitt (6) talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 4);

3.2.5. Illi l-intimati a foll 76 isosstnu li t-tieni (2) talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta, (ara foll 4 u foll 104);

3.2.6. Illi jirrimettu ruhhom fir-rigward tal-ewwel (1) talba tar-rikorrenti, (ara folll 76 u foll 4);

3.2.7. Illi mill-bqija ma japponux ruhhom ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 76 u foll 4);

3.2.8. Illi l-intimati a foll 79A u a foll 104 isosstnu li r-rikorrenti m'ghandiex interess guridiku;

3.2.9. Illi jsosstnu wkoll li r-rikorrenti m'ghandha l-ebda sehem mill-proprjeta` *de quo*, (ara foll 79A);

3.2.10. Illi pero` l-istess intimati jaqblu mat-talbiet numru erba' (4), hamsa (5), u sitta (6), (ara foll 80 u foll 4);

3.2.11. Illi l-intimati a foll 100 jissottomettu sintetikament s-segwenti:

3.2.11.i. Illi l-gudizzju mhux integru;

3.2.11.ii. Illi ghandu jigi kjamat in kawza n-Nutar minnhom hemm indikat *stante* li kien appuntat ezekutur testamentarju;

3.2.11.iii. Illi mhux jopponu t-talbiet tar-rikorrenti hlief it-tieni (2) talba tal-istess, (ara foll 100 u foll 4);

3.2.12. Illi *di piu`*, l-intimati a foll 104, jissottomettu sintetikament is-segwenti:

3.2.12.i. Illi r-rikorrenti m'ghandha l-ebda dritt fuq il-beni in dizamina;

3.2.12.ii. Illi mill-bqija jirrimettu ruhhom;

3.2.13. Illi l-Kuratur Deputat jirrispondi:

3.2.13.i. Li ma jaf xejn fir-rigward; u

3.2.13.ii. Li r-rikorrenti ghandha tipprezenta arblu tar-razza, (ara foll 106);

3.2.14. Illi r-risposti tal-intimati indikati a foll 195 huma lkoll assorbiti fir-risposti tal-intimati l-ohra;

3.2.15. Salv risposti ulterjuri, (ara foll 73, 76, 80, 100, 104 u 196);

4. Rat id-digriet taghha datat l-10 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu hatret lill-Imhallef Supplenti hemm indikata biex tisma lix-xhud hemm ukoll indikat, (ara foll 288);

5. Rat id-digriet taghha datat is-7 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu awtorizzat lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 314), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 315, 316, 336, 345, 346, 358 , 359);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata s-7 ta' Settembru, 2015, (ara foll 317), flimkien ma' dik ta' wahda mill-intimati datata t-23 ta' Settembru, 2015, (ara foll 322); dik tal-kuratur deputat datat t-30 ta' Settembru, 2015, (ara foll 330 u 341); dik datata t-28 t'Ottubru, 2015, (ara foll 337); dik datata l-4 t'April, 2016, (ara foll 351 u 366) u finalment dik datata l-11 t'April, 2016, (ara foll 360);

7. Rat il-verbal datat id-9 ta' Gunju, 2016, fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghat-trattazzjoni finali limitatament ghall-ewwel zewg (2) talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 375 u foll 4);

8. Rat il-verbal datat iz-19 t'Ottubru, 2016, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet minnhom inoltrati, (ara foll 376);

9. Rat id-digriet taghha datat ukoll iz-19 t'Ottubru, 2016, li permezz tieghu il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg (2) talbiet tar-rikorrenti biss, (ara foll 376 u foll 4);

10. Semghet ix-xhieda prodotta;

11. Ezaminat id-dokumenti kollha prezentati *in atti*;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi in vista tal-premess jigi sottolineat li din hi sentenza limitata ghall-ewwel zewg (2) talbiet inoltrati mir-rikorrenti, senjatament biex:

12.1. Tiddikjara li l-proprjeta` spettanti lit-titolu fewdali in dizamina tappartjeni lis-segwenti:

12.1.1. Nofs indiviz lir-rikorrenti skont it-trasfuzjoni effettwata, datat s-27 ta' Frar, 2012, (ara foll 4 u foll 199); u

12.1.2. Nofs indiviz rimanenti lill-eredi tan-Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone, (ara foll 4);

12.2. Tiddikjara li dawk fost id-dixxendenti li huma kugini tan-Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone li mietu qabilha, dawn ma jitqisux bhala eredi tal-istess, (ara foll 4);

Ikkunsidrat:

A. **L-Appartenenza tal-Proprjeta` Fewdali in dizamina:**

13.0. Illi fir-rigward tal-ewwel kwezit indikat fil-paragrafu precedenti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi l-Markiz Nikola Mallia Tabone li miet fiz-19 ta' Marzu, 1973, kien il-pussessur tat-titolu fewdali tal-Markezat u Fewdu tal-Fiddien, (ara foll 11);

13.2. Illi l-imsemmi titolu nobbiljari kien originarjament moghti lill-axxendenti tieghu, Salvatore Mallia Tabone mill-Gran Mastru De Rohan b'boll appozitu datat il-15 t'Ottubru, 1785, (ara foll 232);

13.3. Illi sussegwentement, permezz t'ittra datata l-25 ta' Gunju, 1975, il-kumitat tal-privileggi tan-nobbli ta' Malta irrikonoxxa lil Salvatore Caruana Dingli bhala s-successur fit-titlu indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 12 u 292);

13.4. Illi r-rikorrenti Myriam Fenech Adami, li mietet fit-18 ta' Gunju, 2011, (ara foll 200), hemm indikata bhala Maria, giet indikata fit-testment datat it-22 ta' Marzu, 1976 bhala l-eredi tal-imsemmi ziju taghha Salvatore Caruana Dingli, (ara foll 278);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi rigward il-fewdu meritu tal-procedura in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi l-Att XXX tal-1969, datat l-20 ta' Novembru, 1969, iddekreta t-tmien tad-determinazzjoni fewdali tal-proprjeta` biex b'hekk kwalunkwe proprjeta` hekk vinkolata – bhal fedekommess – giet dikjarata ***proprjeta` libera*** minn kull vinkolu ta' dan it-tip;

14.2. Illi konsegwentement beda japplika ghall-istess proprjeta` l-Att XII tal-1950;

14.3. Illi ghalhekk l-istitut tal-fedekommess precedentement applikabbli u enforzabbli, spicca revokat, bil-proprjeta` marbuta mal-istess tkun dikjarata "**hielsa minn kull xkiel**" u allura hielsa minn kull xkiel, (ara foll 296);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi l-procedura odjerna tippernja fuq il-fatt jekk il-fewdu in dizamina indikat bhala tal-Fiddien hux wiehed ikklassifikat bhal wiehed imsejjah:

15.1. **<u>Dividwu:</u>** senjatament li jkun wiehed fejn il-vinkolu fuq il-proprjeta` involuta ikun gie revokat minghajr riserva; jew

15.2. **<u>Individwu:</u>** senjatament li jkun wiehed fejn il-vinkolu fuq il-proprjeta` involuta ikun ukoll gie revokat izda l-possessur attwali involut ikun gie moghti l-proprjeta` assoluta ta' nofs biss tal-proprjeta` flimkien mal-uzufrutt tan-nofs l-iehor, waqt li n-nuda proprjeta` tal-istess nofs tkun marret ghand l-immedjat vokat;

Ikkunsidrat:

16. Illi r-rikorrenti jghidu li d-dritt li huma jivvantaw fuq l-istess fewdu hu wiehed individwu;

17. Illi konsegwentement ir-rikorrenti jsosstnu li huma komproprjetarji ma' l-eredi tan-Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone – senjatament in-numru kospikwu ta' intimati involuti fil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

18. Illi r-rikorrenti Myriam Fenech Adami, (illum mejta), tirrizulta li kienet il-werrieta ta' Salvatore Caruana Dingli, (ara foll 278);

19. Illi l-allegati drittijiet taghha ghaddew ghand ir-rikorrenti l-ohra li dahhlu flokha f'din il-procedura meta giet effettwata it-

trasfuzjoni tal-gudizzju *ai termini* tad-digriet datat is-27 ta' Frar, 2012, (ara foll 199);

20. Illi permezz tal-procedura odjerna ghalhekk, l-istess rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni li nofs il-proprjeta` li kienet tifforma parti mit-titolu fewdali - Markezat u Fewdu tal-Fiddien – li kien jappartjeni lill-aventi causa taghhom – Salvatore Caruana Dingli – issa saru jappartjenu lill-istess rikorrenti;

21. Illi min-naha taghhom l-intimati – eredi tan-Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone – jsosstnu li huma l-unici werrieta tal-Markiz Nicola Mallia Tabone *stante* li skont l-istess, isosstnu li gialadarba l-fewdu in dizamina inheles bl-effett tal-Att XXX tal-1969, u tal-Att XII tal-1950, allura fir-rigward tal-proprjeta` issa hekk liberata mill-vinkoli tal-fewdu, bdew japplikaw ir-regoli normali tas-successjoni kif statutorjament regolati fil-Kodici Civili ghac-cittadinanza normali;

Ikkunsidrat:

22. Illi konsegwentement il-kontendenti ghandhom ghalhekk veduti kontrastanti rigwardanti r-regoli li ghandhom jiddeterminaw kif ghandu jigi regolat il-fewdu in dizamina;

23.0. Illi r-rikorrenti sintetikament isosstnu s-segwenti:

23.1. Illi permezz tal-Att XII tan-1950, illum Kap 130 tal-Ligijiet ta' Malta, il-fedekommessi gew revokati – imhassra;

23.2. Illi ghalhekk permess tal-artiklu 3 tal-imsemmi Kap 130 il-proprjeta` kolpita saret libera;

23.3. Illi peress li kien ritenut li l-fedekommess ma kienx jinkorpora mieghu il-fewdu, allura gie redatt l-Att XXX tal-1969, illum Kap 212 tal-Ligijiet ta' Malta, Att effettivament kjarifikatorju u korrettorju, li estenda l-helsien mill-vinkolu ta' gid marbut b'fedekommess ghall-proprjeta` mizmuma b'fewdu li kienet thalliet barra fl-Att XII tal-1950;

23.4. Illi peress li l-fewdu in dizamina hu fewdu individwu - billi jintiret u jigi possedut minn persuna wahda – allura

r-rikorrenti jallegaw li huma proprjetarji ta' nofs u uzufruttwarji tan-nofs l-iehor, (ara foll 321);

23.5. Illi uhud mill-intimati jikkondividu dan l-analizi, izda ohrajn ma jikkondividuhx u jopponuh b'sahha;

Ikkunsidrat:

24.0. Illi l-intimati qed jopponu l-kontenzjoni tar-rikorrenti u sintetikament isosstnu s-segwenti: (ara foll 296)

24.1. Illi mill-21 mhux 17 ta' Novembru, 1969, (data tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 964 li ggib l-istess data), il-proprjeta` kollha tenuta *in feudo* giet liberata, (ara artiklu 3 tal-Kap 130 u artiklu 2 tal-Kap 212);

24.2. Illi ghalhekk l-istess proprjeta` hekk kolpita giet allura soggetta ghar-regoli normali tas-successjoni kif kienu gia` elenkati fil-Kodici Civili;

24.3. Illi ghalhekk ukoll ir-regoli tal-fedekommessi ma baqghux japplikaw aktar ghall-proprjeta` in dizamina;

Ikkunsidrat:

25. Illi mid-dokumentazzjoni prodotta *in atti* ghandu jkun pacifiku li l-Markiz Salvatore Caruana Dingli kien effettivament il-possessur tat-titolu nobbiljari Markiz tal-Fiddien – kif *del resto* gie anke rikonoxxut mill-Kumitat lokali tal-Privileggi, (ara foll 12 u 292);

Ikkunsidrat:

26. Illi l-artiklu 3 tal-Kap 130, (l-Att XII tal-1950), u l-artiklu 2 tal-Kap 212, (l-Att XXX tal-1969), li japplika l-Att precedenti rigwardanti l-fedekommessi ghall-fewdi, jistabbilixxi s-segwenti:

> "Mill-jum li jghodd, il-fedekommessi kollha ta' kull xorta fuq mobbli u immobbli, imwaqqfin kien meta kien, sew jekk huma ghal dejjem jew ghal xi zmien, jithassru, u l-gid sa dakinhar marbut bihom isir tal-possessur ta' dak

il-gid mobbli u immobbli, hieles minn kull xkiel izda b’dawk il-pizijiet, ipoteki awtorizzati u djun li kienu jolqtu l-gid imxekkel”;

27. Illi ghalhekk l-abolizzjoni kienet tapplika ghall-fedekommessi kollha hlief ghal dawk indivizibbli fuq immobbli;

28. Illi l-istess artiklu 3 (c) tal-Kap 130 ikompli:

“fil-kaz ta’ fedekommess indivizibbli fuq immobbli li bis-sahha tieghu l-possessur ikollu l-jedd ghall-hatra tal-imsejjah, il-possessur, f’dawn il-fedekommessi, jkollu l-jedd li jinqeda b’dak il-jedd ta’ hatra dwar l-imsejjah, f’dak in-nofs tal-gid li, bis-sahha ta’ dan l-Att, in *nuda proprietas* tieghu ssir tal-imsejjah”;

29. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li mid-data tal-promulgazzjoni tal-Att tal-1950, (artiklu 3 tal-Kap 130), il-fedekommessi kollha **gew imhassra**; (ara foll 296)

30. Illi *di piu`*, jigi sottolineat ukoll li l-istess effett ta’ **thassir** gie estiz ukoll ghall-fewdi, u dan, permezz tal-precitat Att XXX tal-1969, (illum Kap 212 fuq riferit);

Ikkunsidrat:

31. Illi epurat is-suespost, ghandu issa jsir tentattiv biex jigi determinat x’ghandu jsir mill-proprjeta` involuta;

32. Illi skont ir-rikorrenti l-fedekommess in dizamina hu wiehed **individwu** billi jsosstnu, anke fuq skorta ta’ parir professjonali *ex parte*, (ara foll 320 u 321), li dan kien possedut u jintiret minn persuna wahda, ghalkemm l-istess parir kien robustement respint b’parir professjonali *ex parte* iehor, (ara foll 296);

33. Illi *nonostante* dan ir-rikorrenti jsosstnu li ghall-fewdu in dizamina japplika ghalih l-artiklu 3(c) tal-Kap 130 fuq riferit, (ara paragrafu numru sebgha u ghoxrin, (27.), aktar qabel);

34. Illi jigi rilevat li minn analizi pprezentata lill-Parliament Ingliz f’Awwissu 1876, jirrizulta li originarjament it-titolu nobbiljari in dizamina koncess kien limitat ghall-individwu li lilhu nghata, (ara foll 232);

35. Illi jidher li successivament, wara petizzjoni appozita, dan it-titolu gie estiz "*Fiat pro primogenitis maribus* tantum", (ara wkoll foll 232);

36. Illi konsegwenza tal-istess it-titolu in dizamina u l-proprjeta` fewdali involuta kienu ghalhekk issa jistghu jghaddu ghand id-dixxendent involut tramite d-dritt ta successjoni u kif jghid ix-xhud imressaq mir-rikorrenti;

> "It-titolu fewdali jmur ghand persuna wahda u hu simili ghal fedekommess individwi", (ara foll 234);

Ikkunsidrat:

37. Illi rigward il-kostituzzjoni tal-fewdu in dizamina issir biss referenza fir-rigward f'korrispondenza bejn ir-rapprezentanti legali tal-partijiet datata d-29 t'April, 1976, (ara foll 295);

38. Illi *nonostante* li l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet f'dak il-perjodu partikolari ghaddew din il-kopja tal-kostituzzjoni tal-fewdu minn wiehed ghall-iehor, ir-rikorrenti ma jirrizultawx li ipprezentaw kopja tal-istess fl-atti in dizamina;

39. Illi mix-xhieda tad-deputat librar fil-Librerija Nazzjonali li pprezentat fotokopja ta' dokument fir-rigward, (ara foll 230), li kien intiz li jitfa' xi dawl oggettiv fuq it-titolu in dizamina jinghad li l-istess dokument mhux tajjeb bizzejjed biex jinqara *nonostante* l-isforzi li saru biex jigi decifrat, u konsegwentement ma jitfa' l-ebda dawl fir-rigward;

40. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti jirrizulta li naqsu wkoll li jipprovdu traduzzjoni tal-istess u konsegwentement l-istess dokument m'ghandu l-ebda valur probatorju, u konsegwentement din il-qorti ma tistax tistrieh fuqu;

41. Illi in vista tal-premess r-rikorrenti naqqsu li jipprovaw li dan it-titolu minnhom vantat kien wiehed ta' natura fewdali deskritt bhala "individwu";

42. Illi ghalhekk ghandu japplika l-artiklu 3 tal-Kap 130 fuq riferit u r-regola dwar il-fedekommess semplici, li wara li dan il-fedekommess gie hekk statutorjament abolit:

> "...il-gid sa dakinhar marbut bihom isir tal-possessur ta' dak il-gid mobbli u immobbli, hieles minn kull xkiel izda b'dawk il-pizijiet, ipoteki awtorizzata u djun li kienu jolqtu l-gid imxekkel";

43. Illi konsegwentement, jirrizulta li b'effett tal-istess, il-proprjeta` tal-fewdu in dizamina ghaddiet kollha kemm hi ghand l-eredi tan-Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone li kienet l-eredi tal-Markiz Nicola Mallia Tabone;

44. Illi in vista tal-premess, it-talba tar-rikorrenti ghad-dikjarazzjoni li r-rikorrenti huma komproprjetarji mal-eredi tan-Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

B. **Dixxendenti Premorienti:**

45.0. Illi fir-rigward tat-tieni kwezit indikat fil-paragrafu numru tnax punt tnejn (12.2.), jinghad sintetikament is-segwenti:

45.1. Illi dan il-kwezit jirrigwarda interpretazzjoni tat-testment redatt min-Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone quddiem in-Nutar Dottor Angelo Vella, datat iz-17 ta' Jannar, 1980, (ara foll 249);

45.2. Illi f'din il-procedura r-rikorrenti qeghdin isosstnu li l-intimati dixxendenti tal-imsemmija testatrici li miet qabilha mhumiex eredi taghha;

45.3. Illi *a contrario senso* uhud mill-intimati involuti jirrespingu tali tezi tar-rikorrenti u jasserixxu d-dritt taghhom li jirtu lill-imsemmija Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone u li konsegwentement isosstnu li r-rikorrenti m'ghandhom l-ebda interess guridiku biex jippromwovu l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

46. Illi l-intimati indikati a foll 79A u 104 jeccipixxu bi kjarezza n-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti *stante* li d-determinazzjoni tad-dixxendenti tan-Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone tikkoncerna biss l-eredita` tal-istess Mallia Tabone li r-rikorrenti m'ghandhom l-ebda interess fir-rigward biex jivvantaw u jppromwovu tali talba, (ara wkoll paragrafu numru tlieta punt tnejn punt tmienja, (3.2.8.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

47. Illi fl-evoluzzjoni familjari in dizamina l-Markiz Nicola Mallia Tabone kien halla bhala eredi testamentarja tieghu lil ohtu Maria Grazia Mallia Tabone, (ara foll 1);

48. Illi sussegwentement l-imsemmija Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone, permezz tat-testment taghha datat iz-17 ta' Jannar, 1980, (ara paragrafu numru erbgha u erbghin punt wiehed, (41.1.), aktar qabel, u foll 13), halliet bhala eredi universali:

> "Is-Sitt Artiklu:
>
> " ... fi kwoti indaqs u indivizament bejniethom (*per capita*) lill-primi kugini taghha kemm dawk tal-lat patern u kif ukoll dawk tal-lat matern ad eskluzjoni tal-prima kugina taghha Maria Assunta Grima, u lil Joseph, Antoine u Rose mart Mario Galea Testaferrata ulied il-mejjet Avukat Dottor Salvatore Xuereb u lil Dottoressa Ina Cremona, armla tat-Tabib Dottor Cremona, u lil Doris, Teresa, Natalina, Nazzareno, Alessio u Filomena ulied il-precitata Maria Assunta Grima, bis-sostituzzjoni tal-ulied u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom skont il-ligi", (ara foll 16);

49. Illi f'dan ir-rigward jigi innotat bi preokkupazzjoni li ghalkemm giet ukoll pprezentata kopja tal-istess testment indikat fil-paragrafu precedenti, l-pagna tal-istess li fiha kien hemm miktub l-imsemmi artiklu numru sitta (6) riprodott fil-paragrafu precedenti, tinsab nieqsa, (ara foll 251 u 252);

Ikkunsidrat:

50.0. Illi f'dan ir-rigward:

50.1. Ir-rikorrenti jinterpretaw l-istess fis-sens li d-dixxendenti tal-kugini taghhom premorti ma jikkwalifikawx bhala werrieta tan-Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone;

50.2. Min-naha l-ohra uhud mill-intimati jsostnu li effettivament *nonostante* il-premorjanza in dizamina, huma xorta wahda jikkwalifikaw bhala werrieta tal-imsemmija Mallia Tabone;

Ikkunsidrat:

51. Illi f'dan ir-rigward issir referenza kopjuza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Adrian Buckle vs. Teresa Friggieri*** datata l-***28 ta' Gunju, 2010***, li tghid is-segwenti:

> "Huma principju ewlieni tad-dritt li min jipproponi kawza, irid ikollu interess. Dan irid ikun (a) **<u>guridiku</u>**: jigifieri id-domanda jrid ikun fiha ipotesi tal-ezistenza ta' dritt u vjolazzjoni tieghu; (b) **<u>dirett</u>** u **<u>personali</u>**: fis-sens li jkun dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, u jkun personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief ghall-azzjoni popolari ( li mhix il-kaz tal-lum); (c) **<u>attwali</u>**: fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti tad-detentur. (***Muscat vs. Buttigieg: Vol LXXIV II 481***)
>
> "Fis-sentenza taghha tat-***28 ta' Novembru, 2003*** fil-kawza ***Formosa Gauci vs. Lanfranco*** il-***Qorti tal-Appell*** elenkat il-principji li jikkwalifikaw dan l-interess:
>
> "(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali;

“(ii) l-istat attwali ta’ ksur ta’ jedd jikkonsisti f’kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjenti lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;

“(iii) l-interess guridiku fl-ahhar huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd tal-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmula kontriha;

“(iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta’ utilita` u vantagg ghal min irid jezercita jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax triegi;

“(v) l-interess guridiku jrid jibqa’ jissussisti tul il-hajja kollha tal-azzjoni u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa’ fil-kawza;

“(vi) l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni innifisha. Ghalkemm il-mottiv tal-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm- il darba jigi kkuntrastat;

“(vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista’ jippromwovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta’ accertament. Mandankollu, f’kaz bhal dan, il-qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anke preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista’ ssir aktar ’l quddiem;

“(viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi ikkwantifikat f’somma determinata ta’ flus jew gid, imma jista’ jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku;

“(ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd tal-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur, tali azzjoni titqies bhala wahda illegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda *acta ad aemulationem* – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg;

“Fis-sentenza ***Fenech Adami vs. Abela et*** (***A.C. – 6 t’Ottubru, 1999 – Vol. LXXXIII. II. 331***) il-***Qorti tal-Appell*** sosstniet:

“Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta’ interess guridiku hija dik tal-***Mortara*** li jghid li l-interess guridiku huwa ***‘l’utilita` finale della domanda guidiziale nel tema dell’asserita esistenza o violazione del diritto.’*** Illi huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista’ jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz tal-awtorita` gudizzjarja”;

“Fis-sentenza ta’ ***din il-qorti*** tal-***15 ta’ Lulju, 1952, (Vol. XXXVI. II. 493)*** fil-kawza fl-ismijiet ***Baldacchino vs. Bellizzi et*** inghad li:

“... min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – l’azione civile non puo` essere promossa che per far valere un diretto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l’uno e l’altro di questi requisiti, l’azione e` infondata ed inammissibile;

“Hekk ukoll fis-sentenza ***Eminyan vs. Mousu` pro et noe et (A.C. 28 ta’ Frar, 1997 – Vol. LXXI. II. 429)*** u fis-sentenza ***Scerri et vs. Farrugia et (P.A. – RCP – 1 t’Ottubru, 2002)*** kien affermat:

“li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta’ vjolazzjoni ta’ xi dritt li jappartjeni lill-attur, u f’dan is-sens allura, jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-

danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir";

"Fil-kawza **_Persiano vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija_** (**_P.A. – JRM – 18 ta' Jannar, 2001_**), il-qorti qalet hekk:

"Illi ghal bosta snin il-qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess tal-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B' tal-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha tal-ezistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku, (ara per ezempju, **_Qorti tal-Appell_** fil-kawza fl-ismijiet **_Falzon Manduca vs. Weale_**, maqtugha fid-**_9 ta' Jannar, 1959, Kollez. Vol. XLIII. I. 11_**). Illi minbarra dawn l-elementi gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess, (jew ahjar, il-motiv), tat-talba, ghandu jkun konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir, (ara, per ezempju, sentenza ta' din il-qorti (PASP) moghtija fit-**_13 ta' Marzu, 1992_**, fil-kawza fl-ismijiet **_Francis Tonna vs. Vincent Grixti, Kollez. Vol. LXXVI. III. 592_**";

"Fuq l-iskorta ta' din il-gurisprudenza, u sentenzi ohra li jsegwu l-istess hsieb, din il-qorti tghid li l-interess guridiku huwa essenzjalment distint mid-dritt. Huwa proprju ghalhekk li l-interess mhux biss irid ikun dirett u attwali, izda anki legittimu, cioe` konformi mad-dritt ta' min ikun fil-kawza;

"Il-**_Mattirolo_**, (Vol. I. p. 50), f'dan ir-rigward ifisser li:

"*l'azione compete soltanto a tutela dei diritti; l-interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possible; cosi` che`, per istituire un*

*giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che no esiste se non e` 'injuria datum' se cioe`, non e` prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto"*;

"Il-ligi qeghda hemm biex thares dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu;

"Huwa proprju ghalhekk li jinghad li l-interess huwa l-mizura tal-azzjoni, *('Il mezzo di tutelare un diritto leso o immediatamente minacciato non puo` essere esercitato senza interesse, essendo assiomatico che l'interesse e` la misura delle azioni ed e` il motivo che giustifika l'accesso alle aule di giustizia'* – **Vol. XXVI. I. 506***)*;

"L-interess irid ikun guridiku fis-sens li dan l-interess irid ikun rikonoxxut bil-ligi u l-azzjoni trid tkun preordinata ghall-otteniment ta' rimedju protett bil-ligi, (***Darmenia vs. Borg Olivier – Qorti tal-Appell – 18 ta' Frar, 1966***);

"Meta l-azzjoni ma tkunx kapaci twassal ghal rizultat utli ghal min jipproponiha minhabba fatt sopravvenut ghall-istituzzjoni tal-kawza li jezawrixxi jew jestingwi l-interess, dik l-azzjoni ma tistax tregi, (***Amato Gauci et vs. Zammit – Qorti tal-Appell Inferjuri – 19 ta' Mejju, 2004***);

"L-insenjament tal-***Mortara*** (*l'utilita` finale della domanda giudiziale sul tema dell'esserita esistenza e violazione di un diritto* – ***Vol. II Pg. 588***), ikompli jsosstni r-rekwizit tal-interess guridiku kostitwit mill-attwalita` tal-interess;

> "Kif kien deciz mill-***Qorti tal-Appell*** fil-kawzi ***Flynn vs. Zammit (22 ta' Marzu, 1992)***, ***Brockdorff vs. Pace Balzan*** (***8 t'April, 1899***), ***Xuereb vs. Petrococchino***, (***4 ta' Dicembru, 1944***), ***Zammit vs. Formosa et***, (***11 ta' Gunju, 1948***), mill-***Qorti Kostituzzjonali*** fil-kawzi ***Cacopardo vs. Ministru tax-Xogholijiet et***, (***25 ta' Marzu, 1985***), u minn din il-qorti fil-kawzi ***Strickland vs. Caruana Gatto***, (***16 ta' Dicembru, 1932***), u ***Baluci vs. Vella***, (***12 ta' Marzu, 1946***), min jipproponi kawza ghandu mhux biss ikollu interess fl-ezitu taghha, imma dan l-interess ghandu jkun jissussisti fil-konfront tal-konvenut";

Ikkunsidrat:

52. Illi riaffermati l-principji fuq riferiti, jinghad li gialadarba gie deciz li ghandha tigi respinta l-ewwel talba tar-rikorrenti *stante* li l-proprjeta` kolpita bil-fewdu in dizamina ghaddiet kollha kemm hi ghand l-eredi tan-Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone – li min-naha taghha kienet l-eredi appozitament designata mill-Markiz Nicola Mallia Tabone – allura ghandu jkun pacifiku wkoll li r-rikorrenti mhumiex komproprjetarji tal-proprjeta` in dizamina flimkien mal-eredi tal-imsemmija Maria Grazia Mallia Tabone, u ghalhekk, it-tieni (2) talba tar-rikorrenti biex jigu eskluzi l-premorjenti mill-istess eredita` ma treggix;

53. Illi in vista tal-premess ir-risposti tal-intimati indikata a foll 79A u a fol 104 ghandhom jigu akkolti *stante* li ghar-ragunijiet fuq esposti jirrizulta karenza ta' interess guridiku *da parte* tar-rikorrenti fir-rigward;

54. Illi konsegwentement jigi sottolineat li allura r-rikorrenti ma ghandhomx interess guridiku kif rikjest mill-ligi biex jindirizzaw din il-procedura fil-konfront tal-intimati *stante* li ghalhekk, it-tieni talba vantata mir-rikorrenti tispetta u tikkoncerna biss lill-eredi ta' l-imsemmija Nobbli Maria Grazia Mallia Tabone – li fuqha r-rikorrenti ma jivvantaw l-ebda interess guridiku kif rikjest mill-ligi u mill-gurisprudenza kospikwa fuq citata;

55. Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet fuq elenkati, anke din it-talba sottomessa mir-rikorrenti ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

56.0. Illi in vista tal-premess u fil-limiti fuq indikati din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti naqsu jippruvaw l-ewwel zewg (2) talbiet minnhom vantati, (ara foll 4 u paragrafu numru tnax, (12.), aktar qabel), u konsegwentement:

**DECIDE:**

56.1. Takkolji t-tieni (2) risposta tal-intimati indikati a foll 79A, u r-raba' (4) risposta tal-intimati indikata a foll 104;

56.2. Tirrespingi l-ewwel zewg (2) talbiet tar-rikorrenti elenkati a foll 4;

56.3. Tiddikjara li r-rikorrenti m'ghandhomx interess guridiku li jippromwovu l-procedura odjerna, u konsegwenza tal-istess, ma tezistix aktar raguni legali ghaliex din il-qorti ghandha tanalizza t-talbiet l-ohra tar-rikorrenti *stante* li l-istess issa gew superati;

56.4. Illi konsegwentement tiddeklina li tiehu konjizzjoni taghhom;

56.5. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**